MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 995/1992/1

**L-Avukat Dottor Richard Galea Debono fil-kwalita' tieghu ta' Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'nota tad-9 t'Awwissu 1995 Saviour Farrugia assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-21 ta' Jannar 1999 is-socjeta' Maltacom p.l.c. assumiet l-atti ta' din il-kawza**

**vs**

**Joseph Scifo bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Cans Industries Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ezistenti bejn il-partijiet il-konvenut nomine ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm605.17 (sitt mija u hames liri maltin u sbatax il-centezmu) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 224784 liema servizz kien stallat fil-fond 15A/B Qasam Industrijali, Marsa u kien jikkonsisti tali servizz fil-kera, telefonati lokali, `installation fee' u apparat tat-telefon mhux ritornat;

Illi l-istanti nomine diversi drabi nterpella lill-konvenut Carter nomine izda dan baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. tikkundannah ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm605.17 (sitt mija u hames liri maltin u sbatax il-centezmu) dovuti ghall-kera, telefonati lokali, “installation fee” u apparat tat-telefon mhux ritornat relattivament ghas-servizz tat-telefon bin-numru 224784 li l-attur nomine fuq talba tal-konvenut nomine kien stalla fil-fond 15 A/B Qasam Industrijali Marsa;

Bl-ispejjez komprizi tal-prezenti, ta' l-ittra bonarja, ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Gunju 1991, u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1) Illi, in linea preliminari, ic-citazzjoni attrici, in kwantu hija ndirizzata kontra s-socjeta' Cans Industries Limited, hija nulla, stante illi l-istess socjeta' ma hijiet proprjament rapprezentata skond il-ligi f'din l-istanza, billi l-imsemmi Hector Carter ma huwiex direttur tal-imsemmija socjeta' u lanqas ma hu r-rapprezentant guridiku ta' din is-socjeta';

2) Illi minghajr pregudizzju u dwar il-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-imsemmi servizz tat-telefon bin-numru 224784 hadem biss ghal ftit gimghat wara li gie nstallat fil-fond tas-socjeta' konvenuta;

3) Illi ghalhekk, is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex tigi kkundannata thallas is-somma pretiza mill-attur nomine in konnessjoni ma' dan is-servizz billi s-servizz allegat qatt ma gie pprovdut mis-socjeta' konvenuta kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-4 ta’ Marzu 1993 li bih giet ordnata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u b’hekk giet sorvolata l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2000;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta konvenuta hi debitrici taghha fis-somma ta' Lm605.17 (sitt mija u hames liri maltin u sbatax il-centezmu) liema ammont hu allegatament dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 224784 stallat fil-fond 15A/B Qasam Industrijali, Marsa u jinkludi l-kera, telefonati lokali, drittijiet ghall-istallazzjoni u apparat mhux ritornat;

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta giet sorvolata bl-imsemmi digriet tal-4 ta’ Marzu 1993. Inoltre s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li s-servizz tat-telefon in kwestjoni hadem biss ghal ftit gimghat u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex tigi kkundannata thallas is-somma pretiza;

Is-socjeta konvenuta qed issostni li m’ghandha thallas xejn lis-socjeta attrici stante li dan is-servizz tat-telephone hadem biss ghal periodu qasir u wara ma baqax

jiffunzjona, u qatt ma gie riparat. In effett xhud prodott mis-socjeta konvenuta kkonferma li s-servizz in kwestjoni qatt ma hadem sew.  Dan ix-xhud qal li kien ikun hemm ukoll “crossed lines” u saru diversi lmenti dwar dan lis-socjeta attrici pero' s-servizz xorta wahda ma giex irrangat. Wara ftit gimghat marret il-linja;

Mill-kumpless ta’ provi prodotti ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici gew sufficjentement pruvati. Difatti jirrizulta li saru xi rapporti lis-socjea attrici dwar hsarat u ghalkemm jidher, mid-dokumentazzjoni presentata mis-socjeta attrici u minn xhieda prodotti, li jew ma kienx hemm hsara jew il-hsara giet riparata, dan kollu ma jirrizultax b’mod nett. Ghalhekk jibqa dubju jekk in effett il-hsara gietx riparata jew le. Lanqas ma jista jigi esluz li l-linja kienet qed tintuza minn xi hadd iehor. Ma giex eskluz li seta kien hemm “crossed line” kif qed tallega s-socjeta konvenuta. Difatti jirrizulta li “crossed line” kienet tissuciedi, fiz-zmien in kwstjoni, u inoltre jista jghati l-kaz li kien hemm “metering” fuq in-numru in kwestjoni meta t-telefonati kienu ta’ terzi;

In vista tal-premess il-pretensjoni tas-socjeta attrici ma tirrizultax sufficjentement pruvata u ghalhekk it-talbiet kollha taghha ghandhom jigu rigettati. Fl-istess hin l-eccezzjonijiet fil-mertu tas-socjeta konvenuta jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:

Tiddeciedi billi tilqa l-ccezzjonijiet fil-meritu tas-socjeta konvenuta u ghalhekk tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------